# L-attriċi Karmen Azzopardi

## Rakkont ta' tfulitha fil-gwerra

**Noel D'Anastas**
ndanastas@gmail.com

April ta' tmenin sena ilu kien deskritt bħala wieħed mill-agħar xhur taż-żmien il-Gwerra. Il-ġimgħa ta' bejn il-Ħadd 5 u s-Sibt, 11 ta' April 1942 kienet waħda mill-eqqel għal Malta.

Fis-7 t'April, it-Teatru Rjal kien ġie bbumbardjat mill-bombi tal-għadu tal-Luftwaffe Ġermaniża. Jumejn wara, il-knisja tal-Imqabba ssofri ħsarat estensivi. Dak il-jum tad-9 t'April, jum ta' ħerba kienu nqatlu ħames suldati u 58 persuna ċivili. Għas-1pm, disa' Stukas jaħbtu għal Ħal Luqa b'waħda mill-bombi tiġi fuq shelter fi Triq il-Papa Innoċenz. Imutu 23 mit-32 persuna li kienu qed jistkennu, ħafna minnhom tfal. Tintlaqat ukoll il-knisja ta' Ħal Luqa. Ftit wara, taqa' bomba fuq il-knisja tal-Mosta li b'miraklu ma tisplodix.

Dawn il-ġrajjiet tal-ħerba tal-gwerra tirrakontahom ukoll l-attriċi Karmen Azzopardi li ħallietna ftit tal-ġimgħat ilu. Kienet qasmet din l-esperjenza tagħha ta' tfulitha fil-gwerra f'intervista li jien kont għamiltilha għall-programm 'Tfuliti u Żgħożiti' li kien ixxandar għall-ewwel darba fuq Net FM fis-27 t'Ottubru 2019. Din l-intervista hi kkunsidrata probabbli bħala l-aħħar intervista li tat, proprju ftit xhur biss qabel li Malta daħlet fil-pandemija tal-Covid-19.

Barra l-memorji tal-gwerra, Karmen tirrakkonta b'mod dettaljat dwar it-tfulija, iż-żgħożija, il-ħidma tagħha fid-Dipartiment tal-Informazzjoni, kif ukoll il-karriera brillanti ta' attriċi fuq il-palk, ir-radju u t-televiżjoni. F'għeluq it-tmenin sena mit-traġedja u l-ħerba tal-gwerra, qed nieħu sintesi tar-rakkonti tagħha fuq il-gwerra.



Karmen Azzopardi li ħallietna ftit tal-ġimgħat ilu, qasmet l-esperjenza ta' tfulitha fil-gwerra f'intervista għall-programm 'Tfuliti u Żgħożiti' li kien ixxandar għall-ewwel darba fuq Net FM fis-27 t'Ottubru 2019

Imwielda fis-sajf, fis-7 ta' Lulju 1933, il-Ħamrun. Tgħid li l-ġenituri tagħha kienu Filippo li kien prokuratur legali u avukat tal-fqar. Ommu u missieru kienu marru joqogħdu Ħal Balzan. Imnissla minn Mikiel Anton Vassalli, missier l-ilsien Malti. Vassalli kien in-nannu ta' nannitha. Tgħid hekk fuq l-ilsien Nazzjonali: "Jiena kburija ħafna li jiena Maltija, inħobb il-Malti ħafna u membru tal-Akkademja tal-Malti. Idejquni nies li jippruvaw jitkellmu b'ċertu metodu ta' nofs Ingliż u nofs Malti u ssib minhom li la jafu jitkellmu bl-Ingliż u lanqas bil-Malti. Jien min ikellimni bl-Ingliż inkellmu bl-Ingliż, u anke bit-Taljan, però l-Maltin nistennihom li jkellmuni bil-Malti. L-ilsien Malti jekk nibqgħu sejrin b'din ir-rata, jispiċċa, jintilef."

Ommha Ġuzeppina Borg, familtha mill-Isla. Ħu ommha, zijuha hu s-serv t'Alla, Eugenio 'Ġegè' Borg, l-ewwel Superjur Ġenerali tal-Mużew. Tgħid li dan kien jgħix magħhom il-Ħamrun fi Strada Rjali. Kien ta' eżempju kbir tant li meta ġie biex jirtira mid-dockyard, l-awtoritajiet kienu talbuh biex jibqa'. "Però meta faqqħet il-gwerra, kellna ħu missieri jgħix Ħal Balzan, u dan kellu dar kbira, u daħħlulu r-refuġjati Maltin minn postijiet oħra. Kien ġie qalilna, għala ma tiġux intom ukoll mill-Ħamrun li kien aktar perikoluż. U morna Ħal Balzan.

**It-tfulija għalkemm imċappsa bil-gwerra, kienet sabiħa. Kienu għaxar aħwa, Karmen l-iżgħar fost l-aħwa.**

Ġara li ż-żewġ bombi li waqgħu Ħal Balzan, waħda minnhom waqgħet fil-ġnien tagħhom bir-riżultat li qatlet lil oħt ommha, zijitha Georgina, "u meta ngħid qatlet, il-bomba fuqha ġiet. Ma rridtx ninstema' makabra. U d-dar tal-Ħamrun ma ġralha xejn." Karmen tirrakkonta kif wara l-gwerra l-familja reġgħet marret il-Ħamrun. Tgħid li z-ziju Gegè kien ikun magħhom għalkemm tal-Mużew kienu fetħu l-ewwel dar tas-Soċi Interni f'Ħaż-Żebbuġ. Tgħid li kellu umiltà kbira iżda kellu sens umoristiku kbir. Tiftakar li ziju kien imur fil-fergħat bil-mixi. Anke zijitha li kienet mietet bil-bomba kienet tal-Mużew u kienet għalliema wkoll. Tirrakkonta li z-zija Georgina u ommha kienu jmorru t-Teatru Rjal jaraw l-opri, tliet darbiet fil-ġimgħa. Kienu abbonati fit-Teatru Rjal, "u l-mama hemm iltaqgħet mal-papà, fit-teatru. Hu kien student tal-Università... u kif ħadu grazzja ma' xulxin ma nafx. Ommha kienet dilettanta sew tal-opri u allaħares tgħidilha xi ħaġa kontriehom għax taħseb li hi x'insult personali. Meta kelli tmien snin, ħaditni biex nara l-ewwel opra, il-'Madame Butterfly' fit-Teatru Gaiety, f'Tas-Sliema. Però qabel kienet qalitli l-istorja, iċċensurata, imma qalitilha fil-qosor. Il-'Madame Butterfly' għadha l-opra favorita tiegħi." Tgħid li bosta kantanti kbar liriċi internazzjonali kienu jagħmlu d-debutt tagħhom hawn Malta.

Tistqarr li t-tfulija għalkemm imċappsa bil-gwerra, kienet sabiħa. Kienu għaxar aħwa, Karmen l-iżgħar fost l-aħwa. Ergħba kienu mietu, tnejn kienu tewmin. "Lil dawn ma nafhomx. Mietu ta' madwar disa' xhur. Però kellna wieħed jismu Bepe, li miet ta' erba' snin. Dan ma niftakrux lanqas. Kien miet f'idejn il-papà u bix-xokk għamel sena marid. Ħija l-Ġiżwita jiftakar li kienu jilagħbu noli mieghu.

Il-ġenituri kienu jmorru jaraw l-opri u Anton, ħuha li mbagħad kien daħal Ġiżwita, kien għamel mudell ta' knisja u t-titular għamlu Sant Injazju, Ġiżwita. "Konna nafu nilagħbu. Iż-żibeġ, il-boċċi, il-pasju. Anke fil-gwerra meta konna noqogħdu Ħal Balzan, kienu joħorġu s-siġġijiet barra u l-kbar joqogħdu jirrakkuntaw stejjer, anke tal-fatati, fl-Isla, fil-Furjana. U jien kont nitwerwer u nibża'.

Tkompli tgħid li sakemm mietet zijitha bil-bomba, kellhom ħajja sabiħa "għax hawn Ħal Balzan ma kienx bħal-lum. Jien niftakar Triq il-Ferrovija – fejn noqgħod – kienet kollha għelieqi. Dar waħda biss kien hemm, ta' Zammit.

Tiftakar il-gwerra sew. "Kellna kamra mħaffra fix-xelter, kien hemm l-ixkaffef tal-injam biex norqdu, u jien niftakar li lili kienu jpoġġuni fuq nett. Kważi mas-saqaf. Darba kien hemm bomba, jew blast , u niżel ħija l-Ġiżwita ż-żgħir, kollu abjad bit-trab u mar fuq il-mama jġebdilha idha. Il-mama lanqas għarfitu kif kien kollu trab abjad u bdiet tgħid, dan ta' min hu dan it-tifel?" Ħuha ieħor kien ferut f'San Alwiġi li kien trasferit fi sptar. Ħuha l-kbir kien mirdum imbagħad sabuħ.



Filippo Azzopardi, missier Karmen Azzopardi. (Ritratt: Arkivju Nazzjonali)



Eugenio Borg, 'Ġegè' l-ewwel Superjur Ġenerali tal-Mużew. Kellu umiltà kbira iżda kellu sens umoristiku kbir. (Ritratt: Arkivju Nazzjonali)

### Mara liebsa l-iswed

"Mela darba meta kont żgħira qabel ma bdiet il-gwerra, kulħadd kien qed jitkellem fuq il-gwerra. U jien staqsejt lil ħija u dan qalli li l-gwerra hija 'Mara liebsa l-iswed'... U veru liebsa l-iswed. U meta ġew il-Ġermaniżi, bdew jitfgħu l-flurs bil-lejl biex idawlu s-sema ħalli jaraw fejn se jitfgħu l-bombi. U din iz-zija Georgina, miskina, kienet ħarġet fil-ġnien u bdiet tgħidilna, ejjew araw xi ġmiel is-sema kollha mixgħula, mur għidilha x'kienu dawk il-flurs.

Staqsejtha jekk batewx il-ġuħ fil-gwerra. Qaltli li ma batewx daqshekk il-ġuħ, iżda kulħadd kien jgħid fil-familja kif ommha kienet tgħix! "Għax aħna konna

għal paġna 21







Is-7 ta' April 1942: It-Teatru Rjal ikun ibbumbardjat mill-bombi tal-Luftwaffe Ġermaniża. (Ritratti fil-kollezzjoni 'Memorja' tal-Arkivju Nazzjonali)

# Kienet tiftakar il-gwerra sew

**minn paġna 20**

jtuna l-ħobż u nqassmuhom, u l-ħobż tagħha kienet dejjem tagħtih lil ħija l-Ġizwita, iż-żgħir. Għax hu kien jiekol ħafna. Mur għidlu li kellu jagħmel 27 sena u seba' snin oħra fil-faqar tal-missjoni tal-Indja, jiekol ross filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija. Imbagħad fetħu l-Victory Kitchen. Konna l-aħħar familja li ngħaqadna fil-Victory Kitchen. Imma l-mama qatt ma kielet. Qatt ma rajtha tiekol. Forsi kienet tiekol mingħajr ma narawha? Għax kienet delikata ħafna ħafna l-mama."

## Il-mewt ta' missierha

Dak iż-żmien missierha kien jaħdem il-qorti. Tirrakkonta li meta marru lura lejn il-Ħamrun, kien il-Qorti. "Kien it-Tnejn, ħassu ħażin, tah attakk f'qalbu, ġabuh bil-karozzin id-dar, il-Ħamis miet. Dak iż-żmien ma kienx hawn dik il-kura li hawn illum. Kelli 12-il sena. Miet fit-3 t'Awwissu. Allura ħija l-kbir Ġiżwita, dak iż-żmien kien qed ilesti biex imur Ġiżwita. Kellu jmur f'Ottubru. U meta miet il-papà, dan ħija l-kbir mar fuq il-mama, qalilha: mama jien m'iniex sejjer Ġiżwita ħalli nsib xogħol. Qaltlu le. Qaltlu inti għandek il-vokazzjoni u Ġiżwita trid tmur."

Karmen Azzopardi rat il-Ħamrun jinbidel. "Kien hemm bankini wesgħin ħafna, aktar mil-lum. Ma kienx hemm daqshekk ħwienet daqs illum. Inħobb lil San Gejtanu, il-qaddis tal-Providenza, u ngħid lil kulħadd biex jgħidu talba lil San Gejtanu għax jidħol għalihom."

Fil-Ħamrun tiftakar lil Mro Charles Camilleri jdoqq l-accordion waqt l-intervalli fir-Radio City. Tiftakar lil Dun Frans Camilleri, il-poeta; San Ġorġ Preca; il-Beatu, is-Serv t'Alla Gegè Borg; Oreste Kirkop kollha Ħamruniżi. "Oreste Kirkop rajtu f'opri r-Radio City, San Ġorġ Preca kelli ftit tal-biża' minnu, għax San Ġorġ Preca, qaddis kien, imma kien daqsxejn nervuż. Lili qatt ma ħatafni imma kont nibża' li se jaħtafni. Allura kien jidħol id-dar, jiftaħ il-bieb u jgħajjat Ġużeppina, għal ommi. Kien jiġi ħafna drabi d-dar il-Ħamrun. Meta konna Ħal Balzan fil-gwerra, iz-ziju Gegè kien qed imut, għax kellu d-diabete. Kien qed imut u l-mama qalet nibagħtu għal Dun Ġorġ, u oħti li għadha ħajja sal-lum, għandha 91 sena, (l-intervista saret f'Ottubru 2019), kienet tirkeb il-bicycle u qaltilha, ħa mmur għalih jien il-Ħamrun. U marret għalih u meta qaltlu, qallha m'hemmx għalfejn niġi. Ma mietx iz-ziju Gegè."

## L-iskola f'Ħal Balzan u fil-Ħamrun

L-iskola fil-gwerra marret Ħal Balzan. "L-iskola konna mmorru fit-triq ta' wara l-Palazz Sant Anton. Kien hemm dar kbira. Fejn qabel kien hemm is-Servizzi Soċjali. Fl-air-raid kienu jniżluna fix-xelter, konna nagħmlu speċi ta' lezzjoni. Kienet ħajja li ma tafx x'se jiġri għada. Anzi lanqas siegħa oħra għax l-ajruplani Ġermaniżi ġejjin u sejrin."

Tistqarr li s-suġġetti favoriti tagħha fiż-żmien l-iskola kienu l-lingwi. L-Ingliż u l-Malti, iżda l-Malti ma kienx jingħata daqshekk importanza. "Il-Malti ma kienx stmat, 'tal-kċina', imma issa l-letteratura Maltija hija vasta."

Tiftakar li fost l-għalliema tagħha fis-sekondarja kien hemm Miss Cortis li kienet tgħallimha l-ġeografija, kienet tajba; Miss Mifsud kienet tal-istorja, kienet tajba tant li l-eżami tal-Oxford għaddejna immensament. Imbagħad kellna lil Miss Tartaglia, li kienet mara qaddisa. It-Tnejn ta' fuq il-purtiera u meta għedtilha għalfejn mort, ħarset lejja u qaltli, le binti m'intix tajba għal hawn, daqskemm inti rqieqa. Hawnhekk hawn ħajja rigoruża. U jien ma kkuntentajtx b'hekk. Ktibt lil oħt Santa Tereza tal-Bambin Ġesù. Dak iż-żmien kienet għadha ħajja. Irrispondietni. Qaltli li m'hemmx post u għamel li jgħidulek is-superjuri. U tgħidlix x'ġara... ħaġa wara oħra, u qisha ntilfet.

**Kelli ħajja miżżewġa sabiħa ħafna, dik niddikjaraha. Però, il-ħajja kontemplattiva u l-ħajja spiritwali tiġbidni ħafna.**

Qabel il-familja marret Ħal Balzan, Karmen tgħid li kienet tmur l-iskola tan-nuna fil-Ħamrun, kienet tibki ħafna għax ma kinitx trid tmur. "Omma kienet tieħu battikata kuljum u kienet tixtrili pupa żgħira taċ-ċarruta biex forsi tikkonslani. Ma kontx irrid immur għax ma kontx inħossni liebsa minn taħt kif nixtieq jien. Anke l-iskola qatt ma naf li mort fit-toilet."

Esperjenza oħra kienet fl-iskola tal-Belt. "Imbagħad daħluni l-Montessori, il-Belt, u hemmhekk kelli fil-bank miegħi Peter Serracino Inglott; kelli miegħi lil Herman Farrugia; il-Perit John Consiglio; kollha fl-istess klassi għax aħna konna subien u bniet. Niftakar darba għamilna l-kunċert tal-Milied u jien kont liebsa ta' kampanjola, u tawni xkupa, niżfen u nkanta. Hemmhekk inżera l-ewwel mument għall-palk."

Għid kienet toħodna għand il-Little Sisters of the Poor u nservu l-ikel lill-anzjani. Kienet iddaħħal ġo fina ċertu sens ta' spiritwalità – iġġegħlek tixtieq tkun taf iżjed. Forsi minn hemm nibtet, iktar tard, dak li ħsibt li kienet vokazzjoni biex immur soru Karmelitana Skalza Kontemplattiva. Ir-raġuni hi li jien inħobb il-kwiet immens, u dejjem ġo fiha ħassejt bħalma kien jgħid Fr Daniel A. Lord, Ġiżwita, ngħidilek bl-Ingliż ħa nikwota ezatt: "There are many people on their feet, but few on their knees". U dawn il-Kontemplattivi, jitolbu, huma l-adrelalina tal-Knisja. U jien mort Bormla inkellem lil Madre. Kelli madwar 16-il sena. Dak iż-żmien il-kunvent mhux bħal-lum, grada waħda, kien hemm grada wara oħra, wara oħra, biex żgur ma tarhomx u anke purtiera, u din fetħet il-

Għadni sal-lum, kelli ħajja miżżewġa sabiħa ħafna, dik niddikjarha, però għadni sal-lum, il-ħajja kontemplattiva u l-ħajja spiritwali tiġbidni ħafna.

## Il-bidu fit-teatru

Meta ħarġet mill-iskola marret tingħaqad mal-British Institute Players, il-Belt. "Kien iġibu direttur barrani, kien jiġi biex jiġġudika festival tal-forces bl-Ingliż. Imbagħad kien jagħmel ħames ġimgħat Malta biex jidderieġi play. U jien kont niġi mogħtija parti. U minn hemm mort mal-MADC. Dak iż-żmien mal-MADC. Maltin konna jiena, Charles Thake, Ethel Farrugia, u Joe Mampalao Depiro li kien Ingliż aktar mill-Ingliżi. Aħna biss konna. Ma kien hemm ħadd Maltin. Imbagħad bdejt mal-Malta Drama League, MUT Players, u mal-Maleth li għamilt ħafna xogħol, anke play ta' Francis Ebejer għamilt."

Hekk bdiet l-istorja artistika fid-drama ta' Karmen Azzopardi li dwarha tkellmet kemm-il darba...